MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-5 ta' April, 2006

Numru. 957/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Jesmond J. Borg)**

**vs**

**Rose Garret ta' 40 sena bint Carmelo Cordina u Rosaria nee Edwards, imwielda Pieta' Nhar it-30 ta' Lulju, 1964, li toqghod Blk B3, Flat 12, Triq Mimosa, San Gwann detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 390664 (M)**

**Clifford Garret ta' 15-il sena bin Saviour u Rose nee Cordina, mwieled Pieta' nhar it-12 ta' Mejju, 1989 li joqghod Blk B3, Flat 12, Triq Mimosa, San Gwann,**
**Detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 219189 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Rose Garret u Clifford Garret li gew akkuzati talli
(a) fl-4 ta’ Novembru, ghall-habta tas-6.45 p.m. fil-lok Euroserv Ltd, Triq San Gwakkin, Qormi ikkaguna marda tal-mohh jew tal-gisem li ddum tletin gurnata jew izjed, inkella ghal daqshekk zmien, izzomm lill-offiz milli jmur ghax-xoghol fuq il-persuna ta’ Anna Bayliss, liema feriti huma ta’ natura gravi skond kif iccertifika Dr Malcolm Borg MD.
(b) Aktar talli fl-istess data, hin u lok dahlu fil-propjeta’ ta’ haddiehor minghajr permess,
(c) Aktar talli hebbew kontra l-persuna ta’ Anna Bayliss sabiex jingurjawha, idejquha jew jaghmlu hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor,
(d) Aktar talli ghamlu li haddiehor ingurja jew thedded,
(e) Aktar talli qalu kliem hazin jew oxxen fil-pubbliku,

U lil Clifford Garret wahda:

(f) Talli ghamlu reat meta kien taht probation ta’ tliet snin, liema sentenza giet moghtija mill-Magistrat Dr J. Cassar nhar it-28/09/04 fil-Qorti tal-Magistrati.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputati ma kellhom ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat l-ammissjoni registrata mill-akkuzati fis-seduta tad-19 ta’ Novembru, 2004.

Rat ukoll illi fl-istess verbal anke talbu apologija ta’ l-akkadut.

Rat in kwantu l-ammissjoni l-pre sentencing report fil-konfront taz-zewg imputati.

Ikkonsidrat ukoll li fil-mori tal-kawza l-akkuzata Rose Garret u binha Clifford hallsu somma sostanzjali lill-parti civili ghad-danni lilha kkagunati.

Ghaldaqstant in kwantu ghall-ammissjoni u wara li rat l-artikoli 216, 338, 339 tal-Kapitlu 9, l-artiklu 21 tal-Kapitlu 446 u 17 tal-Kapitlu 9.

Qed issibhom hatja ta' reat taht l-artikoli kif lilhom addebitati.

Dwar il-piena:

Fil-konfront ta' Rose Garret tqis li in kwantu din hija l-omm ghandha u kellha taghti ezempju lil binha kif igib ruhu u mhux tassisti u tghin biex jinqala' dan l-incident ghaldaqstant tenut kont tal-gravita' ta' l-imgieba taghha ta' l-ammissjoni u anke tal-pagament qeghda tikkundannah ghal sena habs sospiza ghal sentejn wara li rat l-artiklu 28A tal-Kapitlu 9.

Fil-konfront ta' Clifford Galea, qieset ukoll dak kollu premess. Qieset ukoll li hu gia kiser ordni ta' probation moghtija lilu biss u anqas minn xahrejn qabel dana l-incident. Taqbel ma' dak elenkat fil-presentencing report u cioe li dan il-guvnott ghandu problemi gravi u li jinhtieg li jigi segwit minn perit psikjatriku.

Harsa lejn il-konkluzjoni peritali juru li l-ghazla tal-piena idonea fil-konfront ta' Cliffor Garret mhi xejn facli, anke tenut kont kemm ta' l-eta' tenera tieghu kif ukoll tal-fatt li hu xejn ma jidher li ghamel gwadann kbir mill-ewwel ordni ta' probation.

Ghaldaqstant qeghda terga' tqeghdu taht ordni ta' probation ghal sentejn mil-llum b'dan illi qed tahtar bhala probation officer lil Mary Anne Zammit.

Clifford Garret huwa ordnat li jsegwi kull direttiva lilu moghtija mill-istess probation officer b'mod partikolari ghandu jigi ndirizzat illi jircevi kura psikjatrika almenu jigi

ezaminat minn psikjatra u ghal dan l-iskop tahtar lil Dr Joseph Cassar.

B'dan illi jekk il-perit psikjatriku jara l-bzonn li Clifford Garret ghandu bzonn kura psikjatrika huwa ghandu jsegwi din il-kura sakemm determinat mit-tabib psikjatra.

Tordna wkoll li sakemm ma ssirx ordni mod iehor l-Ufficjal tal-Probation ghandu kull sitt gimghat fil-prezenza ta' l-imputat jaghti rendikont tal-progress ta' Clifford Garret fi hdan din l-ordni.

Tikkundannah ukoll ghal ammenda ta' Lm 100 (mitt lira Maltija) minhabba l-ksur ta' l-ewwel ordni ta' probation u dan wara li rat l-artiklu 21 tal-Kapitlu 446.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------